**Imħallef:—**
**17 ta' Ġunju, 1961**
**Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Louis Vincenti ne. et.
*versus*
Carmelo Micallef

**Traffiku — Kolliżjoni — Danni — "Damnum Emergens" — "Lucrum Cessans" — Rigali — Diżabilitazzjoni — Mara — Komunjoni tal-Akkwisti — Azzjoni — Interess — Art. 12 u 1088 tal-Kodiċi Ċivili — Art. 782(b) u 791 tal-Kap. 15.**

*F'każ fejn jintalab il-ħlas ta' danni kaġunati minn investiment li fih tiġi korruta mara miżżewġa, il-mara għandha nteress fid-dikjarazzjoni tar-responsabbiltà tal-konvenut li nvestiha, u r-raġel għandu nteress fil-kwalità tiegħu ta' kap tal-komunjoni tal-akkwisti għad-danni kaġunati mill-att tal-konvenut, u li huma dovuti lill-komunjoni tal-akkwisti. Għaldaqstant l-azzjoni esperita mill-mara bil-kunsens ta' żewġha u flimkien miegħu bħala kap tal-komunjoni hija proposta sewwa, u mhix aċċettabbli l-eċċezzjoni li f'dak il-ġudizzju l-mara ma għandhiex kapaċità li tidher.*

*Il-miżura tad-danni dovuti għal delitt jew kważi-delitt tikkonsisti fil-perdita effettiva li l-att ikun nissel miegħu lill-parti danneġġjata, fl-ispejjeż li d-danneġġjat ikun inkorra in konsegwenza tal-istess ħsara, fil-perdita effettiva tal-paga jew qliegħ ieħor, u fit-telf ta' qliegħ futur, li jitnisslu mħabba nkapaċità totali jew parzjali li l-att ikun ikkaġuna.*

*Jekk il-parti danneġġjata tirċievi xi servizz bi pjaċir minn għand terza persuna in konnessjoni mal-inċident, u dik it-terza persuna ma tkunx trid titħallas u l-parti danneġġjata tpattihulha billi tagħtiha rigal, hija ma għandhiex dritt titlob minn għand id-danneġġjant il-flus li jkun nefaq biex akkwista dak ir-rigal. Hekk ukoll ma għandhiex dritt minn għand id-danneġġjant għal flus li tkun nefqet biex xtrat xi oġġetti li tkun tgħat bħala rigal lin-nurses u per-*

*sonal iehor tal-isptar, u tips "buona mano", b'titolu ta' gratitudini.*

*Imma huma rikuperabbli minn għand id-danneġġjant l-ispejjeż li jiġu nkorsi fil-viżiti li jsiru lill-persuna korruta fl-isptar, u fl-ikel u sustanzi li jittieħdu f'dawk il-viżiti lill-istess pazjent. Hekk ukoll huma rimborżabbli l-flus li jitħallsu lil seftura, in aġġunta għas-salarju tagħha, minħabba x-xogħol addizjonali li d-deġenza tal-pazjent fl-isptar titfa' fuqha.*

*Kwantu għad-danni minħabba nkapaċità permanenti, sew totali sew parzjali, skond il-każ li jkun, tingħata somma li ma għandhiex tissupera £1200, determinabbli mill-Qorti fl-arbitriju diskrezzjonali tagħha skond iċ-ċirkustanzi tal-każ, ix-xorta u grad tal-inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata. U mhix raġuni li teskludi lid-danneġġjat minn din is-somma dik li l-persuna korruta hija mara li mhix "bread winner", li hija sempliċi mara tad-dar ta' ċeto soċjali tali li normalment iġġib seftura biex tassistiha fix-xogħol domestiku tagħha, u li probabbilment jekk tormol, ma jkollhiex bżonn timpjega ruħha, jew li qegħdha tajjeb finanzjarjament, jew li ma jkollhiex bżonn ta' kura u medikamenti kontinwati. Il-liġi ma tiddistingwix bejn danneġġjat fakoltuż u danneġġjat fqir.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet kollha meħtieġa u l-provvedimenti kollha opportuni, billi l-Marfa limiti tal-Mellieħa, fl-10 ta' Mejju 1959, għal xi l-5.30 p.m., il-konvenut, minħabba mprudenza, negliġenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti, waqt li kien qiegħed isuq il-karrozza numru 10012, laqat lill-imsemmija Maria Annunziata Vincenti u għamlilha ferita gravi ta' natura permanenti, kif jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża; u billi, bħala konsegwenza tal-istess investiment, l-instanti sofrew danni inġenti, liema danni l-konvenut, meta ġie nterpellat, qiegħed jirrifjuta li jħallas; talbu (1) li jiġi dikjarat u deċiż minn din l-Onorabbli Qorti illi l-konvenut huwa unikament responsabbli għall-imsemmi nvestiment tal-imsemmija Maria Annunziata Vincenti, peress li dan ġara minħabba mprudenza negliġenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti da parti

tal-istess konvenut, u li għalhekk il-konvenut huwa responsabbli għad-danni li sofrew l-atturi bħala konsegwenza talimsemmi nvestiment; (2) u l-konvenut jiġi kundannat minn din il-Qorti jekk hemm bżonn per mezz ta' periti nominandi, liema danni jikkonsistu fi spejjeż ta' tobba, sptar, u f'dawk id-danni l-oħra kollha li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża, kollox konformement għad-dispost tal-art. 1088 tal-Kodiċi Ċivili. Bl-ispejjeż; u bl-imgħax legali missentenza;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Mill-atti tal-kawża u l-provi akkwiżiti għall-proċess jirriżulta li fl-10 ta' Mejju 1959, għall-ħabta tal-5.30 p.m., l-attriċi marret passiġġata l-Marfa ma' żewġha, bintha, u l-kunjata; u waqt li kienet wieqfa ħdejn iċ-ċint li hemm fuq ix-xellug tat-trieq *li mis-Solemar Hotel* tieħu għal fuq il-moll fejn jittrakka l-vapurett ta' Għawdex, u kienet qegħdha tħares lejn il-baħar tara dan il-vapur riesaq lejn il-moll, il-karrozza tal-konvenut, li ġġib in-numru 10012, u hija tal-marka Fiat 1100, baqgħet dieħla ġo fiha minn wara, u bid-daqqa waqqetha fuq it-terrapjen fuq in-naħa l-oħra taċ-ċint u pproduċietilha ksur ta' sieqa tal-lemin, li kienet baqgħet maqbuda bejn iċ-ċint u l-karrozza. L-attriċi kellha tiġi trasportata l-isptar, fejn damet mill-10 ta' Mejju sas-6 ta' Lulju 1959, u damet b'sieqa fil-ġibs għal ċirka sitt xhur, u wara *ġie lilha ordnat li tinfaxxa sieqha* u li tieħu xi sustanzi għall-formazzjoni tad-demm sal-aħħar ta' Novembru 1959, u in segwitu hija rriportat ċikatriċi kerha ħafna f'sieqha; u barra minn dan, skond l-espert mediku li kellu l-kura tagħha, baqgħet suġġetta għal diżabilità permanenti parzjali tal-ħmistax fil-mija, dovuta għall-uġiegħ u "stiffness" tas-sieq u tal-għaqsa tal-lemin tas-sieq tagħha. Naturalment, l-inċident kien kawża ta' spejjeż lill-attur; imma fuq dawn il-Qorti sejra titkellem aktar tard;

*Il-konvenut, konfermat in parti minn martu, jgħid li* huwa, qabel l-inċident, kien ġej minn naħa tal-Marfa Palace Hotel . . . . . ;

Ikkunsidrat;

Illi dwar l-eċċezzjoni preliminari mogħtija mill-konvenut, fis-sens li l-attriċi ma għandhiex kapaċità li tidher f'dan il-ġudizzju, jingħad li l-istess mhix legalment aċċettabbli. Infatti, l-attriċi qegħdha tidher bil-kunsens u l-assistenza tar-raġel tagħha; u skond l-art. 782(b) Kap. 15 dik l-inkapaċità kienet tkun teżisti kieku hija, se maj, dehret bla volontà u kunsens tar-raġel tagħha; b'dan però, li jekk isir dak li hemm maħsub fl-art. 781 Kap. 15, dik l-inkapaċità tispiċċa; għaliex dik l-eċċezzjoni tispetta biss lir-raġel u l-eredi tagħha jew dawk li l-jedd tagħhom ġej minnhom (ara art. 12 tal-Kodiċi Ċivili). Fil-każ in diżamina, fl-att promotorju tal-ġudizzju qiegħed jidher ukoll ir-raġel tal-attriċi bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti wkoll; b'mod li, jekk il-konvenuta għandha nteress fid-dikjarazzjoni tar-responsabbiltà tal-konvenut ir-raġel tagħha nomine għandu nteress fil-likwidazzjoni tad-danni li ħarġu mill-att tal-konvenut, u li huma dovuti lill-komunjoni tal-akkwisti tal-konjuġi atturi. Anki prattikament, bla infrazzjoni ta' ebda liġi jew dannu lill konvenut, kif ġiet promossa l-kawża l-konvenut mhux sejjer jirriżenti ebda dannu;

Għalhekk, l-eċċezzjoni preliminari ma tistgħax tiġi milqugħa bil-favur, u għandha tiġi miċħuda; bl-ispejjeż;

Ikkunsidrat;

Illi dwar il-meritu u responsabbiltà tal-kolliżjoni, jew aħjar responsabbiltà tal-fatt, jingħad li, wara li din il-Qorti għarblet il-provi prodotti, tħoss li l-konvenut għandu jirrispondi nterament għall-aċċident u danni kaġunati lill-attriċi personalment u lill-attur l-ieħor fil-patrimonju soċjali konjugali, għal dawn ir-raġunijiet:—

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi stabbilita r-responsabbiltà tal-konvenut, din il-Qorti sejra tgħaddi għall-likwidazzjoni tad-danni;

Illi skond l-art. 1088 tal-Kodiċi Ċivili, il-miżura tad-danni dovuti għal delitt jew kważi-delitt tikkonsisti fil-perdita effettiva li l-att ikun nissel miegħu lill-parti danneġġjata; fl-ispejjeż li l-istess danneġġjat ikun inkorra in konsegwenza tal-istess ħsara; fil-perdita effettiva tal-paga jew qliegħ ieħor, u fit-telf ta' qliegħ futur, li jitnisslu mħabba nkapaċità totali jew parzjali li l-att ikun ikkaġuna. Dwar id-determinazzjoni tad-danni dovuti għall-inkapaċità, il-Qorti għandha tieħu konsiderazzjoni taċ-ċirkustanzi tal-każ, u partikolarment tan-natura u grad ta' nkapaċità kawżata, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata; u fil-każ ta' dannu li ma jkunx dolus, is-somma ma għandhiex tissupera £1200;

Illi skond id-dokument "X" anness mar-relazzjoni tal-perit legali, li jikkonsisti f'deskrizzjoni tal-offiżi personali li rriportat l-attriċi, ċertifikati mit-tabib ortopediku Dr. A.E. Bartolo, jirriżulta li bl-aċċident l-istess attriċi rriportat diżabilitazzjoni permanenti parzjali dovuta għall-uġiegħ u ebusija tas-sieq tal-lemin u tal-għaqsa, li skond l-opinjoni tal-perit mediku tammonta għal ħmistax fil-mija tal-kapaċità tagħha; fuq liema nkapaċità din il-Qorti sejra titkellem aktar tard;

Ikkunsidrat;

Illi, dwar id-danni materjali ("damnum emergens"), l-atturi qegħdin jippretendu diversi partiti, li ġew eżaminati partitament mill-perit ġudizzjarju;

L-ewwel partita — L-atturi qegħdin jippretendu s-somma ta' £6 li huma l-prezz ta' arloġġ li l-atturi rrigalaw lil Natale Falzon, proprijetarju tas-Solemar Hotel, ta'li ħa lill-attriċi bil-karrozza tal-attur stess, l-ewwel il-Mellieħa għand Dr. Sansone, u wara St. Luke's Hospital, Gwardamanġa. Din il-partita ġiet akkordata mill-perit legali lill-atturi, iżda din il-Qorti ma tħossiex li tista' taqbel ma' din id-deliberazzjoni. Infatti skond id-depożizzjoni tal-attur stess, huwa ried iħallas lil Natale Falzon tal-qadja li qdieh fl-emerġenza li nstab fiha, imma Falzon ma riedx jeħodlu flus; u hu għamillu dak il-kumpliment. Għalkemm din il-Qorti tammira u tfaħħar l-aġir tal-atturi għal dak li għa-

mlu, iżda tħoss li, ladarba Falzon ma riedx jitħallas, huma ma kellhomx id-dritt jagħmlu dak l-istess kumpliment għas-spejjeż tal-konvenut. Infatti, huwa prinċipju "in subjecta materia" li d-danneġġjat jagħmel mill-inqas spejjeż *li huma riversabbli fuq id-danneġġjant*; u meta Falzon kien qiegħed jirrifjuta l-ħlas għas-servizz li għamel, huwa, mingħajr ma kien jaf, kien qiegħed ukoll jiġġjova lill-konvenut. F'materja ta' liġi ma jistgħux jiġu ammessi affarijiet bħal dawn; l-għaliex, jekk qatt jiġu ammessi, bniedem jista' jagħti lok għal frodijiet u għall-approfittar — dak li huwa nċivili, u mhux ġust u ekwu. Kwindi, din l-istess *partita ma tistgħax tiġi ammessa minn din il-Qorti;*

It-tieni partita — Kiri ta' karrozza li ħallsu l-atturi... Din l-ispiża hija ġusta, u għandha tiġi rifuża lill-atturi...... £2;

It-tielet partita — £12 mħallsa lit-tabib A. E. Bartolo ......£12;

Ir-raba' partita — Kont Dok. B imħallas lill-Medical & Health Department...... £59;

Il-ħames partita — Din il-partita, konsistenti f'tips jew "buona mano" lin-nurses tal-isptar, arloġġ lis-Sister, u "manicure set" lil xi ħadd ieħor, ammontanti komplessivament għal £10.2.6, u pretiżi mill-atturi, ma ġietx, ġustament, legalment ammessa mill-perit ġudizzjarju. Għalkemm xi nies li jiġu kkurati l-Isptar Ċentrali għandhom dan l-użu, li jagħtu mall-liċenzjament dawn ir-rigali ta' "buona mano", eppure, jekk hekk jagħmlu, ma għandhomx id-dritt *li jirriversaw din l-ispiża, promossa mis-sens ta' gratitudini tagħhom*, fuq id-danneġġjant; u din il-Qorti, fuq il-bażi tad-dritt, ma hix disposta tammettiha;

Is-sitt partita — Spiża ta' ikel sustanzjuż provvdut lill-attriċi fuq ordni tat-tabib ...... Kwindi tilqa' din il-partita għall-ammont ta' £49.7.0;

Is-sebgħa partita — Spiża ta' faxxex bl-4s.8d. l-waħda li l-attriċi kellha bżonn sabiex tinfaxxa sieqha wara li ħarġet mill-Isptar...... £5.12.0;

It-tmien partita — Sitt flixken Wincarnis bl-10s.6d. il-wieħed, li hija partita ġustifikata u tammonta għal £3.3.0;

Id-disa' partita — Din il-partita ma tirrigwardax lill-attriċi, u kwindi mhix ammessa. Id-danni mitluba huma biss in konnessjoni mal-offiża personali tal-attriċi;

L-għaxar partita — L-atturi qegħdin jippretendu £10 prezz ta' petrol li l-attur jgħid li nefaq sabiex imur l-Isptar ndejn martu, tant biex jaraha kemm ukoll biex jeħdilha ġjornalment l-affarijiet li kienet tirrikjedi. Din il-Qorti taqbel mal-perit ġudizzjarju li din l-ispiża pretiża mill-atturi hija eżaġerata u gonfjata. Taqbel mal-perit li fuq din il-partita l-atturi jkunu kompensati ġustament u ekwament jekk tiġi lilhom mogħtija, in linea ta' danni, fuq il-bażi kunsidrata mill-istess perit, is-somma ta' £7.13.6;

Il-ħdax il-partita — L-atturi qegħdin jippretendu li fl-assenza tal-attriċi mid-dar is-seftura li kellhom magħhom kellha tassumi xogħol li solitament kienet tagħmel l-attriċi. Dan hu preżumibbilment minnu. Din l-assenza forzata tal-attriċi pprolungat ruħha għal sebgħa xhur. Il-perit legali, għal dan is-servizz li fuqu qegħdin nitkellmu, esprima ruħu fis-sens li l-istess ikun adegwatament kompensat bl-ammont ta' £4; imma din il-Qorti tħoss li jkun aktar ġust u ekwu, oltre s-salarju li l-instanti kienu jħallsu, li jingħata suppliment ta' 1s. kulljum, li huwa suffiċjenti; u kwindi £1.10.0 extra fix-xahar, in linea ta' danni, sejrin jiġu akkordati. Jekk l-atturi tawha xi perkaċċi li joltrepassaw kemm ġie lilhom akkordat, dan għamluh "grato animo", inklinazzjoni li wrew l-atturi; liema espressjoni ta' gratitudini, għalkemm enkomjabbli, ma tistgħax tiġi riversata fuq id-danneġġjanti. Għalhekk, għal din il-partita l-atturi ħaqqhom £10.10.0;

Total danni materjali £149.5.6;

Ikkunsidrat;

Illi dwar il-kumpens tad-diżabbilità, il-perit legali wasal għall-konklużjoni li, għar-raġunijiet minnu sottomessi,

li sejrin jiġu eżaminati u diskussi aktar tard, l-attriċi ma ħaqqha xejn;

Illi l-fatt in kwistjoni, għall-finijiet tal-miżura tad-danni, jerġa jingħad, jaqa' taħt l-art. 1088(1) u (2) tal-Kodiċi Ċivili. Id-danni materjali konsegwenti għall-fatt dannus ġew diġa' determinati. Fl-art. 1088 (1) u (2) tal-Kap. 23, il-leġislatur ikkontempla fl-ewwel sezzjoni wkoll id danni riżarċibbli mill-persuna responsabbli mħabba l-kolpa extra-kontrattwali, u dik li skond id-Dritt Ruman kienet tissejja "culpa aquilia". Minn dak l-istess artikolu jitnissel li:—

1. Fost id-danni riżarċibbli hemm il-"lucrum cessans", minħabba nkapaċità permanenti, sew totali sew parzjali, skond il-każ li jkun;

2. Għal din l-inkapaċità tingħata somma mill-Qorti, liema somma fil-każ ta' ħtija (mhux dolo) ma għandhiex tissupera l-£1200;

3. Fl-eżerċizzju tal-arbitriju diskrezzjonali tagħha l-Qorti għandha tieħu in konsiderazzjoni (a) iċ-ċirkustanzi tal-każ. (b) ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u (c) il-kondizzjoni tal-parti li tkun danneġġjata;

Illi "in subjecta materia", wieħed ma jridx jinsa l-massima legali "in probatione lucri cessantis sufficiunt praesumptiones"; kif lanqas ma għandu jiġi injorat li l-liġi ma tagħmelx distinzjoni, għad-dritt tar-riżarċiment, bejn id-danneġġjat fakoltus u dak fqir — dak li ġie wkoll konfermat mill-ġurisprudenza (ara sentenza tat-Tribunal Federali Svizzeru riportata fil-"Monitore dei Tribunali", Milano, anno 1903, paġ. 896, tad-9 ta' Mejju 1903 in re De Frise v. De Fedan, fejn intqal illi:— "Il semplice fatto che il danneggiato non esercitasse alcuna professione e vivesse di rendite, non vale da solo ad escludere un diritto di risarcimento per una parziale incapacità al lavoro in riguardo al tempo a venire ed alla possibilità di abbracciare una professione");

Ikkunsidrat;

Illi skond iċ-ċertifikat mediku eżibit jirriżulta li l-attriċi, in konsegwenza tal-aċċident sofriet "a permanent disability due to pain and stiffness of the right foot and ankle, which in my opinion (ċjoè fl-opinjoni tal-espert mediku li attendiha) amounts to 15%. L-offiża personali sofferta mill-attriċi, fit-termini taċ-ċertifikat mediku, kienet "that the movements in the ankle are limited, dorsiflexion being 5 degrees and plantor flexion 30 degrees. The tassal points are still and painful, inversion being absent while eversion is full"; u dan in konsegwenza tal-frattura tat-tibja tal-lemin u tal-fibula, li wara t-trattament għaqdu u l-ferita fieqet. Meta l-istess espert xehed quddiem il-perit fl-20 ta' Jannar 1961, qal ukoll illi:— "d-diżabilità li semmejt (il-permanenti diżabilitazzjoni fuq imsemmija) ma tantx taffetta lill-attriċi fix-xogħol solitu tad-dar, ħlief li, jekk iddum wieqfa wisq tgħija iżjed malajr u sieqha tista' tuġagħha. Din id-diżabilità però taċċentwa ruħha ħafna jekk l-attriċi timxi fuq trieq imħarbta";

Illi minn dan jitnissel li l-attriċi sofriet debilitazzjoni permanenti parzjali ta' parti mill-arti nferjuri, u ċjoè sieqha l-lemenija u l-għaqsa ta' dik l-istess sieq fil-miżura ta' 15%, li għadha tippermani;

Ikkunsidrat;

Illi l-argumenti li ġieb il-quddiem il-perit ġudizzjarju biex jeskludi lill-attriċi mir-riżarċiment tad-diżabilità sofferta jistgħu jiġu assommati fil-fatt li hija mhix "bread winner", l-għaliex hija sempliċi mara tad-dar li tappartjeni għal dak iċ-ċeto soċjali li normalment timpjega seftura biex tassistiha fix-xogħol domestiku, u li probabbilment hija, jekk qatt tormol, ma jkollhiex bżonn timpjega ruħha f'xogħol li jkun jirrikjedi titwaqqaf ħafna, l-għaliex finanzjarjament żewġha qiegħed tajjeb, u fil-każ li jkollha bżonn timpjega ruħha, bl-edukazzjoni li għandha tkun tista' faċilment issib impjieg sedentarju; u fl-aħħarnett, li ma għandhiex bżonn ta' assistenza, ta' kura medika u medikament ta' natura kontinwata, kif ukoll ma għandhiex bżonn ta' applikazzjoni medika biex jissaħħaħ l-andament tagħha, jew xi kalzaturi speċjali li minn żmien għal żmien ikunu

jeħtieġu biex jissostitwixxu l-pjenezza tas-sieq lemenija tagħha;

Illi, fil-ħsieb kunsidrat ta' din il-Qorti, l-argumenti tal-perit ġudizzjarju huma neqsin minn forza persważiva, u x'uħud minnhom mhumiex bażati u sostnuti mill-provi li sema' l-perit, tant li din il-Qorti kellha tisma' mill-ġdid lill-atturi u lit-Tabib Bartolo. Infatti, il-fatt li l-attriċi mhijiex "bread winner", li "di per sè" ma jħassarx, kif ammetta l-perit, id-dritt tar-riżarċiment, jista' jkollu biss piż fid-determinazzjoni tal-miżura tad-danni li fuqhom qegħdin nitkellmu, imma mhux fatt li jannulla l-kwantitattiv tal-kumpens. Din il-Qorti, b'dan li ntqal, ma tridx tinjora l-prinċipju li fid-determinazzjoni tad-danni personali jridu jiġu meħuda ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, imma trid taċċentwa l-fatt li persuna danneġġjata, anki jekk mhux il-persuna prinċipali li ġġib il-ħobż fiċ-ċirkolu familjari tagħha, mhux b'daqshekk għandha tkun prekluża mid-determinazzjoni tal-kumpens. Huwa fatt inkontrastabbli li d-danneġġjat qatt ma jista' fil-fatt jiġi restitwit fil-kondizzjoni ta' saħħa li kien qabel id-dannu lilu arrekat, tkun kemm tkun il-miżura tad-dannu li lilu tiġi akkordata. L-għaliex id-denominatur komuni flus qatt ma jista' jagħmel tajjeb għall-ħajja ta' bniedem, għal sieq amputata, jew għal sieq li l-funzjonabbilità tagħha hija gravement inċeppata; imma, peress li f'dawn il-każi ma hemmx mezz ieħor ta' riparazzjoni, irridu nikkuntentaw bin-"numerata paecunia", li tista' b'xi mod l-aktar umanament effikaċi u possibbli sservi biex bniedem ikun jista' jkollu sostituzzjoni għal dak li jkun tilef minħabba azzjoni anti-soċjali ta' bniedem ieħor fl-istess kommunità;

Illi l-perit legali qal ukoll li l-attriċi tappartjeni għal ċeto soċjali li normalment jimpjega seftura għax-xogħol domestiku l-aktar fatikus, u li l-probabbilità fil-każ tagħha huwa li, jekk jonqsilha r-raġel, ma jkollhiex bżonn timpjega ruħha f'xogħol li jirrikjedi twaqqif ħafna, l-għaliex irritjena li żewġha finanzjarjament kien qiegħed tajjeb; u qal ukoll li, fil-każ li jkollha bżonn timpjega ruħha, bl-edukazzjoni li hija armata u dotata biha, faċilment tkun

tista' ssib impjeg sedentarju. Dan l-argument mist tal-perit legali huwa nieqes minn viżwali u portata tal-futur, u huwa mijopi ħafna; u per di pjù ma kienx sorrett mill-provi meta ġie miġjub il-quddiem mill-istess perit. Infatti, biex mill-ewwel immorru għall-bażi li fuqha talla' l-kastell tiegħu l-perit legali, jingħad li minn ebda prova li kellu quddiemu l-perit ma seta' jiddeduċi l-istat opulent finanzjarju tal-attur. Apparti li din il-Qorti semgħet wara l-ftuħ tal-perizja lill-attur, u ġabret minnu l-prova li din ir-rikkezza tiegħu immaġinata mill-perit irriduċiet ruħha għal sempliċi għazza fuq il-ġisem, l-għaliex irriżulta li l-attur ma huwa xejn, fil-kwadru odjern, sinjur finanzjarjament, il-fatt li neguzjant jew persuna oħra jżommu seftura d-dar ma huwa xejn ebda indiċi ta' sinjurija. Fil-futur, mbgħad, bl-axxensjoni ġjornaljera tas-salarji tad-domestiċi u n-nuqqas tagħhom fis-suq minħabba l-ispostament tal-opra fil-kurrent tal-industrija li qegħdha taċċenna għall-espansjoni, bil-potenzjalità finanzjarja tal-attur huwa wisq problematiku jekk fil-futur mhux il-bogħod persuni tal-grad soċjali u finanzjarju tal-attur ikunux jistgħu, anki għax-xogħol l-aktar fatikus domestiku, iżommu seftura, u dawk li jistgħu jagħmlu ikollhomx bħal ma jsir fl-esteru, fejn il-fenomenu diġa' avvera ruħu, jieħdu dak is-servizz bis-sigħat u mhux bil-ġurnata. Jaqa' l-argument miġjub il-quddiem mill-perit legali wkoll li, jekk jiġi nieqes ir-raġel tal-attriċi, bi probabbilità tkun tista' timpjega seftura, fuq dak li rriżulta mid-depożizzjoni tal-attur dwar il-potenzjalità finanzjarja tiegħu, għar-raġunijiet li ntqalu li l-perit ibbaża l-argumenti tiegħu fuq apparenzi kombinati max-xogħol ta' immaġinazzjoni, u mhux fuq fatti reali konkreti u pożittivi;

Illi l-argument l-ieħor, illi bl-edukazzjoni li biha hija dotata l-attriċi, hija, jekk ttormol, tkun tista' faċilment issib impjeg ta' natura sedentarja, dan l-argument jippekka fl-istess sorġenti tiegħu. Infatti, anki jekk il-fatt li l-attriċi fl-istat kif ġiet ridotta in segwitu għall-aċċident, bid-doti edukattivi li għandha, tkun tista' ssib faċilment xogħol sedentarju, per grazzja d'ipotesi jiġi aċċettat, huwa altrettantu veru li l-attriċi b'dak li sofriet kellha limitazzjoni tal-attività tagħha; liema limitazzjoni tnissel diffikultà akbar ta' xelta ta' xogħol li hija tkun tista' tagħ-

*mel; u din il-Qorti ma tistgħax tara l-faċilità tal-impjeg* li ra u ħaseb il-perit legali, non ostanti l-attribuzzjoni tad-dotazzjoni edukattiva minnu mogħtija tal-attriċi, li ma tirriżulta ċara minn ebda prova, ammenokkè l-perit ma ddeżumiex dik il-virtù mill-apparenza personali tal-attriċi. Dan l-argument, kwindi huwa problematiku ħafna, apparti li poġġut fuq apparenzi, u mhux fatti li jirpużaw fuq iċ-ċert;

Illi l-aħħar argument tal-perit legali huwa illi l-attriċi ma tirrikjedix kuri mediċi kontinwati jew xi apparati mekkaniċi speċjali, biex issaħħilha l-parti tal-ġisem tagħha danneġġjata; imma skond id-depożizzjoni ġuramentata tal-istess Dr. Bartolo tas-6 ta' Ġunju 1961, hemm biżżejjed biex juri u jiddimostra l-inkonvenjenti li sofriet l-attriċi in segwitu għall-inċident in kwistjoni; liema nkonvenjenti hija sejra tiġi ssofri permanentement;

Ikkunsidrat;

Illi din il-Qorti mhix qegħdha tippretendi li l-kwistjoni tad-determinazzjoni preċiża tad-danni personali fil-każ bħal dan in kwistjoni ma tippreżentax ċerta diffikultà. Ma hemmx dubju, però, li bħala regola ġenerali, meta d-dannu lill-persuna huwa kaġunat minn xi persuna bl-aġir ħażin u negliġenti ta' ħadd ieħor, il-kumpens għandu jkun rigwardat bil-qies u porporzjoni tal-offiża sofferta. Perfezzjoni aritmetika jew pjena u kompleta "ad unguem" fil-kumpens ma tistgħax tiġi pretiża, imma tista' tingħata dik biss *li l-Ingliżi jsejħu "fair and reasonable compensation"*, derivanti miċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, li umanament hija possibbli. F'dan il-każ, fil-ħsieb kunsidrat ta' din il-Qorti, id-debilitazzjoni permanenti sofferta, l-isforzi u l-inkonvenjenti ta' bhatija personali li jitnisslu neċessarjament minnha, il-probabbli perdita pekunjarja li tista ssofri ndubbjament l-attriċi, jekk ikollha taħdem, jew anki preżentement għax-xogħol fid-dar bil u bla seftura il-limitazzjoni tal-attività tagħha permanenti in ġenerali huma xi wħud mill-konsiderazzjonijiet prinċipali li din il-Qorti tħoss li *għandha tieħu konsiderazzjoni tagħhom fid-determinaz*zjoni tal-kumpens;

Lanqas ma huwa ġust u ekwu, fid-determinazzjoni tad-danni fil-każ bħal dan in eżami, li l-kumpens dovut lill-attriċi jiġi determinat b'mod li hija jkollha annwalità ċerta u determinata għall-ħajja tagħha; l-għaliex tkun qegħdha tiġi njorata kwalunkwe kontinġenza futura. Infatti, ħadd jista' għid meta l-attriċi tista' tiġi nieqsa? Jingħad li l-"expectation of life" il-lum żdied, u l-kumpens għandu jkun determinat skond dik l-istess żieda; imma din il-Qorti, għal-kemm tapprezza l-argument, u mhijiex sejra tinjora dak il-fatt, però sejra tittemperah, fil-każ in diżamina, fejn l-inkapaċità personali hija parzjali, billi tieħu in konsiderazzjoni wkoll l-aċċidenti tal-ħajja u elementi oħra li japplikaw ruħhom għall-każ, b'mod li l-kumpens li sejjer jiġi fissat ma jkunx jikkostitwixxi somma li jekk tiġi nvestita tkun tikkostitwixxi għall-attriċi u żewġha arrikkiment għad-dannu tal-konvenut, imma sejra tkun meqjusa bħala somma kommensurata għall-inġurja jew offiża personali parzjali tal-attriċi;

Illi din il-Qorti, fuq l-iskorta tal-prinċipji fuq esposti, wara li ħasbet ħafna dwar x'għandu jkun ir-raġjonevoli u ġust kumpens lill-attriċi waslet għall-konklużjoni li tiddetermina dan il-kumpens fis-somma ta' £266. 13. 4d;

Għal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi l-ewwelnett tiċħad l-eċċezzjoni konvenuta preliminarjament mogħtija, a spejjeż tal-konvenut; u t-tieninett tiddikjara lill-konvenut responsabbli tad-danni arrekati lill-attriċi u żewġha nomine; u wara li tillikwida l-istess danni għas-somma ta' £415. 18. 10d, u ċjoè £149. 5. 6d danni emerġenti, u £266. 13. 4d bħala kumpens dovut għall-inkapaċità parzjali tal-attriċi, tikkundanna lill-istess konvenut iħallas is-somma hekk likwidata; bl-ispejjeż kollha.